MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 160/2010

**Konkors ta' Kredituri Bank of Valletta plc**

**-vs-**

**Jesmond Sant**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors preżentat fit-18 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu s-socjeta' bankarja Bank of Valletta plc (C2833) ippremettiet:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat fit-18 ta' Lulju 2005, in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri l-intimati Jesmond u Rita miżżewġin Sant ikkostwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta' Bank of Valletta plc fis-somma ta' ħames mija u tmienja u għoxrin elf, seba' mija u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€528,797.44) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv, liema kuntratt ġie

reż eżegwibbli permezz t'ittra uffiċjali datata 26 t'Ottubru, 2006.

Illi tenut kont ta' depożiti li saru b'riżultat ta' proċeduri eżekuttivi oħra kontra l-intimati, d-debitu tal-imsemmija Jesmond u Rita miżżewġin Sant illum jammonta għas-somma kumplessiva ta' erba' mija u sitta u sebgħin elf, disa' mija u sebgħa u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€476,967.46) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Jannar 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, l-kreditu tal-esponenti veru l-istess Jesmond u Rita miżżewġin Sant huwa munit b'diversi ipoteki illi jippregradwaw dak ta' kwalsiasi kreditur ieħor u dan partikolarment imma mhux esklussivament għas-segwenti ipoteki, u ċjoe' ipoteki Vol. I 1708/93, 1709/93, 7674/93, 18243/97, 2903/98 2820/00, 13985/02, 2821/00, 11006/02, 15448/02, 19215/03, 20020/03, u 12552/05 (Vide Dok. "A" sa "M").

Illi r-rikorrenti ppreżentat rikors biex tiżbanka s-somma depożitata fiċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija, dan imma ma setax isir minhabba oppożizzjoni ta' terzi kif ukoll minħabba diversi mandati li għandhom veljanti fl-imsemmi depożitu u għalhekk it-talba tal-esponenti ma ntlaqatx kif jirriżulta mid-digriet li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u markata Dok "N".

Għaldaqstant, is-soċjeta' esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha *ai termini* tal-Artikolu 416 tal-kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ftuħ ta' konkors ta' kredituri fuq id-depożitu ta' tnax-il elf, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro (€12,578) appartenenti lill-intimati Jesmond u Rita miżżewġin Sant u li ġiet depożitata flimkien ma' flejjez oħra permezz taċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija, wara illi taghti l-opportuni provvedimenti.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' Tiger Brand Limited kif rappreżentata minn Michael Catania, preżentata fid-29 ta' Marzu 2010 illi permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi s-somma ta’ tnax-il elf ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro (€12,578) ġja’ ħames t’elef u erba’ mitt liri Maltin (LM5,400) jinsabu depożitati fir-Reġistru tal-Qorti b’ċedola 764/07 wara bejgħ b’subasta ta’ vettura MAR307, liema vettura kienet inqabdet b’mandat ta’ qbid magħmul u ntavolat mis-soċjeta’ esponenti a spejjeż esklussivament tagħha meta kienet intavolat proċeduri għall-irkupru ta’ debitu lilha dovut, kif sussegwentement deċiż bil-Qorti. Illi għalhekk l-qbid tal-vettura kien sar fuq inizjattiva ewlenija u waħdanija tas-soċjeta’ esponenta, hekk ukoll kif sar il-bejgħ bis-subasta tal-istess vettura, li sar b’inizjattiva biss u ewlenija tas-soċjeta’ esponenta. *Di piu’*, illi b’inizjattiva biss u ewlenija ifisser illi s-soċjeta’ esponenta mhux biss ħadet ħsieb illi tikkawtela u tipproteġi l-interessi tagħha skont il-liġi, imma għamlet dan kollu a spejjeż esklussivament tagħha u ħadd ma ippartecipa f’tali proċeduri sabiex issa konvenjetament il-Bank rikorrent sab is-sodda lesta u jippretendi illi jieħu l-flus depożitati hu.

Illi s-soċjeta’ esponenti għandha tieħu, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad- 29 ta’ Jannar 2007, is-somma ta’ ħames t’elef mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€5,133.52) ġja’ elfejn mitejn u tlett Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (LM2,203.82), *oltre* l-ispejjeż ġudizzjarji kollha u l-imgħaxijiet skont is-sentenza tal-Qorti stess, liema somma hija mhux biss ben koperta bis-somma depożitata, imma hija wkoll somma sostanzjali għal ażjenda żgħira bħalma hija Tiger Brand Ltd li hija *small family enterprise* u ammont bħal dak riklamat mitluf ikun ifisser daqqa kbira għaliha.

Illi min-naħa l-oħra, il-Bank of Valletta plc mhux biss mhux sejjer jissodisfa l-kreditu li għandu mas-sinjuri Sant jekk jiżbanka hu l-flus li hemm depożitati, imma adirittura jrid jingħad illi dak lilu dovut huwa *in ogni caso* kopert bl-ipoteki u bil-proprjeta’ li hemm tagħmel tajjeb favur l-istess bank u li meta jrid, jista’ jeżegwixxi u jipproċedi bil-bejgħ in subasta tal-istess proprjeta’ sabiex ikun sodisfatt fil-pretenzjonijiet tiegħu kontra Jesmond Sant et. Il-Bank huwa ferm aktar kopert u l-ħlas lilu huwa garantit bi proprjeta’ mmobbli li fuqha s-soċjeta’ esponenta li jekk

titlef dak li ħadmet għaliha b'tant għaqal tul dawn l-aħħar snin, allura il-Bank ikun mhux biss qiegħed ikisser negozju imma jibqa' vantaġġjat peress illi għad hemm il-proprjeta' mmobbli tagħmel tajjeb għad-dejn li l-konjuġi Sant għandhom miegħu.

Illi għalhekk t-talba attriċi kif imposta mill-Bank of Valletta plc qed tiġi opposta u l-konkors tal-kredituri m'għandux jiġi miftuħ.

Illi mingħajr preġudizzju għal din l-oppożizzjoni hawnhekk magħmulha, fi kwalunkwe kaz u fl-agħar ipoteżi għas-soċjeta' esponenti li jkollu jsir l-konkors ta' kredituri:

a) Allura qabel xejn din l-Onorabbli Qorti trid tara illi jiġu osservati l-kundizzjonijiet u l-impożizzjonijiet li jagħmel l-artikolu 416 tal-kapitlu 12, u;

b) Is-soċjeta' mittenti minn issa qed tirriserva illi fil-mument opportun tressaq ir-rikors opportun skont il-liġi sabiex peress illi huwa dejjem ġust u ekwu illi jekk il-Bank rikorrenti jippregradwa qabel is-soċjeta' esponenta, allura s-soċjeta' esponenti almenu tirkupra l-ispejjeż legali **kollha** li kellha tinkorri hi sabiex sar il-Mandat ta' Qbid, is-subasta u d-depożitu tal-flus mill-bejgħ tal-Mandat ta' Qbid, is-subasta u d-depożitu tal-flus mill-bejgħ tal-vettura msemmija, *oltre* l-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha minnha nkorsi sabiex ikkawtelat u otteniet sentenza kontra Jesmond Sant et għas-somma lilha dovut kif hawn fuq premess.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-avviż tas-smiegħ pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skont l-artikolu 416 (4) tal-Kap, 12 (fol 40 tal-process);

Rat in-nota tas-soċjeta' Alf Mizzi and Sons (Marketing Limited) datata 22 ta' Ġunju 2010 li permezz tagħha intervjeniet fil-proċeduri;

Rat ir-rikors ta' Tiger Brand Limited tad-19 ta' Lulju 2010 fejn din ukoll talbet li tiġi ammessa fil-lista ta' kredituri – liema talba ntlaqgħet b'digriet datat 21 ta' Lulju 2010;

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud preżentat fis-7 ta' Settembru 2010 li permezz tiegħu talab li jiġi ammess fil-lista tal-kredituri u dan billi huwa kellu jieħu s-somma ta' sitt mija wieħed u tmenin elf mitejn u tmienja u sebgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€681,278.52c) – liema talba ġiet milqugħa b'digriet tal-10 ta' Settembri 2010;

Rat ir-rikors ta' Silvio Muscat preżentat fit-23 ta' Settembru 2010 li permezz tiegħu talab li jiġi gradwat fil-proċeduri – liema talba wkoll ġiet milqugħa b'digriet mogħti fl-istess ġurnata (*vide* fol 97);

Rat ir-rikors tas-soċjeta' Alfred Gera and Sons Limited (C120) datat 10 ta' Jannar 2011, a fol. 113 tal-proċess, li permezz tiegħu l-imsemmija soċjeta' talbet li tikkonkorri f'dawn il-proċeduri – liema talba sussegwentement ġiet milqugħa b'digriet tat-28 ta' Jannar 2011;

Rat l-affidavit (a fol 136) ta' Michael Micallef għan-nom tal-Bank of Valletta;

Rat il-kopja ta' ċedola ta' depożitu tal-Marixxall Louis Muscat, a fol 171 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Michael Catania għan-nom tas-soċjeta' Tiger Brand (fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2012);

Semgħet lil Joseph Attard prodott mid-dipartiment tal-V.A.T. (fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012);
Rat id-dokument esebit minnu minn fejn jirriżulta li l-ammont dovut lid-dipartiment huwa ta' seba' mija ħamsa u għoxrin elf, mija tlieta u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€725,193.98);

Rat id-dokumenti eżebiti mill-partijiet kollha parteċipi f'dan il-konkors u dawn kienu jinkludi s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati minn fejn jirriżultaw il-krediti tal-partjiet kollha –

ħlief tad-Dipartiment tal-V.A.T. u tal-Bank of Valletta p.l.c. illi jirriżultaw mod ieħor;

Rat l-affidavit ta' Marvin Schembri, impjegat tas-soċjeta' Alf Mizzi and Sons Limited (fol 209);

Rat l-affidavit ta' Silvio Muscat (fol 222);

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-V.A.T. u ta' Alf Mizzi and Sons Ltd (C8692);

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2012 li fejn ir-rikors tħalla għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proċeduri ta' konkors ta' kredituri fir-rigward ta' ċedola ta' depożitu ta' flus kontenenti riskoss minn proċedura ta' subasta.

Illi mhemmx dubju li l-ammont a dispożizzjoni ma jistax jissodisfa l-partijiet kollha. *Oltre* l-flus depożitati fl-atti ndikati fir-rikors promotur, jidher li hemm ammont ieħor mhux speċifikat, li huwa depożitat fl-atti tas-subasta bin-numru 20/2007.

Il-kwistjoni prinċipali f'dawn il-proċeduri hija min bejn id-dipartiment tal-V.A.T. u l-Bank of Valletta jrid jiggradwa l-ewwel għaliex dan tal-aħħar għandu a favur tiegħu diversi ipoteki skritti, filwaqt li l-ieħor jirreklama favur tiegħu l-privileġġ akkordat mill-liġi kostituttiva tal-istess taxxa. L-artikolu 62 tal-kapitolu 406 jgħid infatti illi:

**62.** Il-Kummissarju jkollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-artikolu 2009 (a) u (b) mhux applikabbli għal dawn il-proċeduri għaliex jirreferu għal rahan u dejn dovut lill-lukandiera. Kwindi mhemmx dubju li l-Kummissarju tal-V.A.T. għandu jkollu preferenza fil-ħlas u warajh jiġi l-Bank. Kif sewwa ċċita l-istess Kummissarju fin-nota tiegħu, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Limited (27 ta' Frar 2009) l-ammont dovut bħala taxxa lid-dipartiment *"għandu jkollu preferenza fuq kull dejn li jkollu privileġġ ieħor"*. Għalhekk mhemmx dubju li dan japplika għal din il-kawża wkoll.

Illi wara dan, a tenur tal-artikolu 2009 (d) tal-Kodiċi Ċivili, għandhom jitħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji nkorsi mis-soċjeta' Tiger Brand Limited peress li kienet din li inizjat il-bidu għal dawn il-proċeduri; kwindi l-Bank rikorrenti in vista tal-ipoteki favur tiegħu. Jidher li kienet biss is-soċjeta' Alf Mizzi li skriviet l-ipoteka ġenerali ġudizzjarja mill-kredituri l-oħra u għalhekk, sempliċiment għal kull buon fini għanda titħallas qabilhom.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiddikjara li l-konkorrenti għandhom jitħallsu bil-mod segwenti:**

**(i) Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Miżjud fl-ammont dovut għat-taxxa msemmija u l-imgħaxijiet;**

**(ii) Is-soċjeta' Tiger Brand Limited limitatament għar-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji nkorsi minnha;**

**(iii) Il-Bank of Valletta għall-bilanċ dovut lilu;**

**(iv) Is-soċjeta' Alf Mizzi and Sons (C8692) għall-ammont dovut lilha, inklużi l-ispejjeż ġudizzjarji relatati mal-kawża Alf Mizzi and Sons Limited vs Jesmond Sant et deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati;**

**(v) Il-konkorrenti l-oħra kollha, ċjoe' s-soċjeta' Tiger Brand Limtied, Silvio Muscat u s-soċjeta' Alfred Gera and Sons Limited (C120) għas-sorte dovut**

**lilhom u imgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji jikkonkorru *'pari passu'*.**

**Kull parti għandha proviżorjament tħallas l-ispejjeż tagħha li finalment għandhom jitħallsu mid-debituri konjuġi Sant.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------